Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 54/2015

**Automated Revenue Management Services Limited (appellata)**

**vs**

**Alexander Cassar (appellant)**

30 ta' Jannar, 2017.

1. L-appellant appella minn decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-4 ta' Mejju, 2016 li biha cahdet it-talba tieghu sabiex jigi ddikjarat li ma kienx dovut il-hlas li tippretendi l-appellata bl-ittra ufficjali numru 184/2015 li saret *a tenur* tal-Artikolu 466 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12).

2. L-appellant appella, bl-aggravji li:-

   i. Il-pretensjoni tal-appellata hi preskritta skont l-Artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili. Mill-provi rrizulta li fis-7 ta' Frar, 2007 inqata' s-servizz tad-dawl, u fis-16 ta' Novembru 2007 l-appellata pprezentat ittra ufficjali li giet notifikata f'April 2009. Minn dak iz-zmien kien biss fis-sena 2005 li gie pprezentat att gudizzjarju iehor (l-ittra ufficjali 184/2015), cjoe' wara li kienu skadew il-hames snin kontemplati fl-Artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili.
   ii. Mid-data li s-sid tal-fond kien imbarra l-bieb, l-appellant ma kellux iktar access ghall-meters tad-dawl u ilma. Ir-rabta li l-appellant kellu mal-fond kienet bazata fuq kirja li ghalqet fit-2 ta' Awissu 2005. Ghalhekk minn dakinhar mhuwiex debitur tal-kontijiet.
   iii. Gie mitlub ihallas imghaxijiet fuq l-imghaxijiet u spejjez ta' natura extra-gudizzjarju.

3. L-appellata wiegbet fejn tat ir-ragunijiet ghalfejn l-appell ghandu jigi michud.

**<u>Konsiderazzjoni.</u>**

4. **L-ewwel aggravju**.
   4.1 Kien fl-istadju tal-appell li ghall-ewwel darba l-appellant invoka l-preskrizzjoni estintiva. Hadd mill-partijiet ma hass il-htiega li jigu

pprezentati l-ittri ufficjali li saret riferenza ghalihom fir-rikors tal-appell u risposta.

4.2 Fir-rikors promotur li l-appellant ipprezenta fil-11 ta’ Frar 2015, iddikjara li kien qed jikkontesta l-pretensjoni tal-appellata minhabba li l-kont hu eccessiv u kien ilu li vvaka l-fond disa’ snin qabel.

4.3 Ladarba l-appellant isostni li l-ammont hu eccessiv, qieghed jammetti li hemm xi ammont li hu dovut. Difiza li mhijiex kompatibbli ma’ eccezzjoni ta’ preskrizzjoni.

4.4 Ghaldaqstant, l-ewwel aggravju hu michud.

5. **It-tieni aggravju.**

5.1 Mill-provi rrizulta li l-meters tad-dawl u ilma kienu u baqghu registrati f’isem l-appellat.

5.2 Irrispettivament meta l-appellant ma baqax jokkupa l-fond 93, Triq San Pietru, Qormi[1], bhala fatt is-servizz baqa’ registrat f’ismu. L-appellant stess xehed, *"Jiena qatt ma mort ghand l-ARMS u l-Enemalta biex inwaqqaf dan il-kont u fil-fatt lanqas ghall-affarijiet tieghi ma mort fuq il-post"* (fol. 39).

5.3 Qalet sew l-ewwel qorti li l-appellant kellu relazzjoni guridika mal-appellata, li baqghet tezisti wkoll meta ma baqax fil-pussess tal-fond. Kien fl-interess tieghu li meta telaq mill-fond, jiehu hsieb li jitnehha s-servizz jew li jinqaleb f’isem haddiehor. Pero’ diment li s-servizz baqa’ registrat f’ismu, hu baqa’ responsabbli ghall-hlas tal-kontijiet relatati mal-kera ta’ meters u konsum. Ghaldaqstant, it-tieni aggravju hu michud.

6. **It-tielet aggravju.**

6.1 Permezz tal-ittra ufficjali prezentata fis-26 ta’ Jannar 2015 ir-rikorrent sejjah lill-appellata sabiex thallas is-somma ta’ €3,749.65 dovuti, *"…. ghall-konsum tal-ilma u elettriku, kera ta’ meter tal-ilma u l-elettriku, spejjez amministrattivi, flimkien ma’ imghax dvout fuq l-akkont 101000229343 skont il-ligi u dan fuq il-kont numru fil-fond bl-indirizz 93, Triq San Pietru, Qormi 1409"*.

6.2 Mir-rendikont li pprezentat l-appellata (fol. 9-10) hu evidenti li Fil-hlas li tippretendi l-appellata hemm inkluz:

6.2.1 Spejjez legali; u

6.2.2 Imghax fuq l-imghax.

---

[1] Kif tajjeb osservat l-ewwel qorti, *"2. Illi r-rikorrenti kellu jabita f’dan il-fond ghall-perjodu ta’ hames (5) snin li bdew jiddekorru mit-3 ta’ Awissu 2000, liema kirja ghalhekk kellha tigi terminata fit-2 ta’ Awissu 2005 skont l-ewwel klawzola ta’ dan l-istess ftehim"* (fol. 78) u *"6. Jirrizulta pero li r-rikorrenti dam jghix hemm sas-sena 2005, u wara dan il-perjodu mar ighix band’ohra bla ma avza lil sid il-post jew lis-socjeta intimata sabiex b’hekk il-meter ma jibqax jghajjat lilu"*.

6.3 Dan l-aggravju hu gustifikat fis-sens li mill-ammont pretiz ghandhom jitnaqqsu l-ispejjez legali li jissemmew fir-rendikont u li dwarhom l-appellata ma tat l-ebda spjegazzjoni x'kienu u kif zidithom mal-kapital. Ghandu jitnaqqas ukoll l-imghax li gie mizjud mal-kapital (ara fol.12-13). Dan qieghed iwassal ghal sitwazzjoni fejn il-kreditur qieghed jitlob hlas ta' mghax fuq imghax, minghajr ma jirrizulta li qabel sar dak kontemplat fl-artikolu 1142 tal-Kodici Civili[2].

**Ghal dawn il-motivi tiddeciedi l-appell billi:**

1. **Tichad l-ewwel aggravju.**
2. **Tichad it-tieni aggravju.**
3. **Tilqa' l-ewwel aggravju u tvarja d-decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati tal-4 ta' Mejju 2016 billi tiddikjara li mis-somma pretiza ta' €3,749.65 bhala kapital ghandhom:-**
   - **(i) Jitnaqqsu l-ispejjez legali kollha li jissemmew fir-rendikont li hemm a fol. 9-13;**
   - **(ii) Jitnaqqas l-imghax kollu li gie mizjud mal-kapital. Ovvjament l-appellata jkollha jedd ghall-hlas ta' mghax fuq il-kapital mid-data ta' kull meta nterpellat lill-appellant biex ihallas permezz ta' ittra ufficjali.**
4. **Ghal kumplament tikkonferma d-decizjoni tal-ewwel qorti.**

**Spejjez tal-appell jinqasmu in kwantu ghal 75% a karigu tal-appellant u 25% a karigu tal-appellata. Spejjez tal-ewwel stadju jibqghu kif ordnat mill-ewwel qorti.**

Anthony Ellul.

[2] *"L-imgħaxijiet magħluqa jistgħu jagħtu mgħaxijiet oħra, sew bis-saħħa tad-disposizzjonijiet tal-artikoli ta' qabel dan, minn dak in-nhar tat-talba ġudizzjarja għaldaqshekk jew bi ftehim li jsir wara li jagħlqu, basta li, fil-każ il-wieħed u l-ieħor, l-imgħaxijiet ikollhom jingħataw għal żmien ta' mhux anqas minn sena".*